MALTA

ATT Nru. XVIII ta' l-1988

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar.

ACT No. XVIII of 1988

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Housing Authority Act, 1976.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

HUGH W. HARDING
Aġent President

7 ta' Ġunju, 1988

ATT Nru. XVIII ta' l-1988

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor. Att XV ta' l-1976.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1988 li jemenda l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar , u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

2. Fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "għandha tinqeda bid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi bħala aġent tagħha" għandhom jidħlu l-kliem "tista' jew tinqeda bid-Dipartiment tax-Xogħlijiet bħala aġent tagħha, jew teżerċita dawk il-funzjonijiet billi tagħti appalti".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 111 tas-6 ta' Ġunju, 1988.

JIMMY FARRUGIA
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.